AVVIŻ TA' TWISSIJA PUBBLIKA MAĦRUĠ MID-DIRETTUR ĠENERALI (AFFARIJIET TAL-KONSUMATURI) FI ĦDAN L-AWTORITA' TA' MALTA GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR

17 ta' Novembru 2026

Id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur), skont l-Artikolu 8 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kapitlu 378 tal-Liġijiet ta' Malta), qiegħda toħroġ dan l-Avviż Pubbliku li bih qiegħda tidentifika u tgħarraf lill-pubbliku li l-kumpanija segwenti:

Portelli and Brincat Limited (C 5467)

kienet parti f'kawżi deċiżi mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur favur il-konsumaturi, liema deċiżjonijiet ma ġewx onorati minkejja diversi tentattivi sabiex jiġi żgurat il-konformità magħhom. L-ammont totali dovut mill-kumpanija lit-tmintax-il (18) konsumatur affettwat jammonta għal erbatax-il elf, mitejn u ħames ewro u ħamsin ċenteżmu (€14,205.50). Il-każijiet kienu prinċipalment jikkonċernaw depożiti mitluba għal ordnijiet li qatt ma ġew ikkunsinnati lill-konsumaturi u prodotti li allegatament kienu difettużi.

Dan l-Avviż Pubbliku qed jinħareġ fl-interess tal-ħarsien tal-konsumaturi u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni oħra li tista' tittieħed skont il-liġi. Dan l-Avviż Pubbliku ma jikkostitwixxix deċiżjoni dwar kwalunkwe kwistjoni oħra lil hinn minn dak stabbilit fid-deċiżjonijiet tat-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur.

Grace Stivala
Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur)

Malta Competition and Consumer Affairs Authority
National Road, Blata l-Bajda ĦMR 9010
+365 2395 2000

mcca.org.mt

Malta Competition and Consumer Affairs Authority

Malta Competition and Consumer Affairs Authority
National Road, Blata l-Bajda ĦMR 9010
+365 2395 2000

mcca.org.mt